MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2013

Numru. 890/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**Elton Dimech**

**Kumpilazzjoni Nru: 890/2013**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Elton Dimech, ta' 24 sena, iben Mario u Susanne, xebba Pulis, imwieled Pieta', nhar l-14 ta' Gunju, 1989 u residenti gewwa 5, Oleander, Triq il-Fidloqqom, Ghaxaq u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 270789 (M).

Akkuzat talli fil-15 ta' Marzu, 2013, ghall-habta ta' 04:25am gewwa San Giljan:

1. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi: attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghal-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur ta' artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PS 430 Andrew St.John f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, ta' l-istess PS 430 Andre St.John, liema hsara hija ta' natura hafifa, u dan bi ksur ta' artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PS 430 Andrew St.John, sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara, u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi: ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u dan bi ksur ta' artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 95, 96, 221(1), 222(1), 338(dd)(ee) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat me kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat kif ukoll l-eventwali koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 221(1), 222(1), 338(dd)(ee) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reati ishor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------